

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 36



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

13 ta' Frar 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni Ewropea

2010/C 36/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5734 – Liberty Global Europe/Unitymedia) ⁽¹⁾	1
2010/C 36/02	Awtorizzazzjoni għal għajna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Każijiet fejn il-Kummissjoni ma togġezjonax ⁽¹⁾	2

IV Avviżi

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni Ewropea

2010/C 36/03	Rata tal-kambju tal-euro	3
--------------	--------------------------------	---

MT

Prezz:
3 EUR

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2010/C 36/04	Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet ristrettivi u pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2009 fit-3pm rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar Każ COMP/39.350 – Microsoft – Rapporteur: Franza	4
2010/C 36/05	Rapport finali tal-uffiċjal tas-smiġħ – Każ COMP/39.530 – Microsoft (Tying)	5
2010/C 36/06	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2009 Li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 102 tat-trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/39.530 – Microsoft (tying)) (notifikata bid-dokument numru C(2009) 10033) (1)	7

V Opinjonijiet

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Kummissjoni Ewropea

2010/C 36/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5669 – Cisco/Tandberg) (1)	9
2010/C 36/08	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5717 – The Stanley Works/The Black & Decker Corporation) (1)	10

ATTI OĦRAJN

Kummissjoni Ewropea

2010/C 36/09	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel	11
--------------	--	----



(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.5734 – Liberty Global Europe/Unitymedia)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 36/01)

Fil-25 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32010M5734. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

Awtorizzazzjoni għal għajjnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 36/02)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	13.1.2010
In-numru ta' referenza tal-għajjnuna	NN 29/08
Stat Membru	L-Ungerija
Reġjun	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Üzemenyag jövedéki adójának visszaigénylési lehetősége a vasúti, vízi és légi szállítás jogszabályban meghatározott területein
Il-bażi legali	2003. évi CXXVII. Törvény
It-tip tal-miżura	Skema ta' għajjnuna
L-għan	Żvilupp settorjali, Il-ħarsien tal-ambjent
Il-forma tal-għajjnuna	Tnaqqis tar-rata tat-taxxa
L-estimi	Baġit annwali: HUF 7 650 miljun Baġit globali: HUF 76 500 miljun
L-intensità	—
It-tul ta' żmien	5.2007-4.2017
Setturi ekonomiċi	Il-ferroviji, It-trasport fuq l-ilmijiet 'il ġewwa mill-kosta
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajjnuna	Pénzügyminisztérium Budapest József Nádor tér 2–4. 1051 MAGYARORSZÁG/HUNGARY
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

IV

(Avviżi)

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-12 ta' Frar 2010

(2010/C 36/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3572	AUD	Dollaru Awstraljan	1,5366
JPY	Yen Ġappuniż	122,33	CAD	Dollaru Kanadiż	1,4269
DKK	Krona Daniża	7,4445	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,5464
GBP	Lira Sterlina	0,86910	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,9560
SEK	Krona Żvediża	9,9144	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,9198
CHF	Frank Żvizzeru	1,4650	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 563,39
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,4432
NOK	Krona Norveġiża	8,0630	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,2737
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,3155
CZK	Krona Ċeka	26,025	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 674,61
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malajżjan	4,6423
HUF	Forint Ungeriż	270,48	PHP	Peso Filippin	62,779
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	41,0880
LVL	Lats Latvjan	0,7091	THB	Baht Tajlandiż	45,066
PLN	Zloty Pollakk	4,0172	BRL	Real Brażiljan	2,5284
RON	Leu Rumun	4,1268	MXN	Peso Messikan	17,6572
TRY	Lira Turka	2,0619	INR	Rupi Indjan	63,1000

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar ftehimiet ristrettivi u pożizzjoni dominanti mogħtija fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2009 fit-3pm rigward abbozz ta' deċiżjoni dwar Każ COMP/39.350 – Microsoft

Rapporteur: Franza

(2010/C 36/04)

1. Il-Kumitat Konsultattiv għandu l-istess tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 102 TFEU u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE tal-impjiba ta' Microsoft kif espressa fl-abbozz ta' deċiżjoni li għet ikkomunikata lill-Kumitat Konsultattiv.
 2. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-proċeduri jistgħu jiġu konklużi permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.
 3. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-impenji offruti minn Microsoft huma adegwati, meħtieġa u proporzjonati sabiex jilqgħu għat-tħassib espress mill-Kummissjoni fl-abbozz tad-deċiżjoni.
 4. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li fid-dawl tal-impenji offruti minn Microsoft u mill-osservazzjonijiet sottomessi lill-partijiet terzi interessati, m'għadx hemm lok għal azzjoni mill-Kummissjoni, bla ħsara għall-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.
 5. Il-Kumitat Konsultattiv jirrakkomanda l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
-

Rapport finali tal-uffiċjal tas-smigħ⁽¹⁾
Każ COMP/39.530 – Microsoft (Tying)
(2010/C 36/05)

L-abbozz ta' Deċiżjoni ppreżentata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003⁽²⁾ jikkonċerna l-allegata raba illegali minn Microsoft Corporation ('Microsoft') tal-web browser tagħha, Internet Explorer mas-sistema operattiva tal-kompjuter personali tal-klijent ("PC") dominanti, Windows ("Windows").

Fl-oriġini tal-każ hemm ilment li rċeviet il-Kummissjoni fl-aħħar tal-2007. Il-Kummissjoni fetħet il-proċeduri u adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet ("DO") li stabbiliet it-tħassib tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kompetizzjoni. Id-DO kien notifikat lil Microsoft fil-15 ta' Jannar 2009. Id-DO jikkostitwixxi valutazzjoni preliminari fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

Ftit wara n-notifikazzjoni tad-DO, Microsoft ingħatat aċċess għall-fajl permezz ta' ittra tas-26 ta' Jannar 2009. Access ulterjuri għall-informazzjoni, li għall-bidu kien ikklassifikat b'mod proviżorju bħala kunfidenzjali, kien ipprovdut f'diversi okkażjonijiet aktar tard. Minħabba li Microsoft kellha tiddeka ħin addizzjonali biex tikseb u tirrevedi l-ġustifikazzjonijiet għall-pretensjonijiet ta' kunfidenzjalità, tinvolvi ruħha f'diversi skambji ta' korrispondenza mal-Kummissjoni u in konsiderazzjoni tal-fatt illi Microsoft kellha tirrevedi u fejn xieraq, tieħu l-informazzjoni addizzjonali in konsiderazzjoni fir-risposta tagħha għad-DO, jien tajt estensjoni limitata ulterjuri tal-iskadenza b'ġimgħa.

Wara li nfetħu l-proċeduri, erba' kumpaniji (Google Inc., McAfee Inc., Mozilla, Symantec Corporation) u tmien assoċjazzjonijiet applikaw u kienu aċċettati bħala partijiet terzi interessati (Association for Competitive Technology, Computing Technology Industry Association, European Committee for Interoperable Systems, Free Software Foundation Europe e.V., International Association of Microsoft Certified Partners, Software & Information Industry Association, Pan-European ICT & eBusiness Network for SMEs, UFC Que Choisir). Assoċjazzjoni waħda ma kinitx aċċettata, minħabba li ma wrietx li l-mistoqsijiet li qajmet f'dan il-każ kienu marbuta mill-qrib b'mod suffiċjenti mal-għanijiet ġenerali mħaddna mill-assoċjazzjoni⁽³⁾.

Microsoft, fit-tweġiba tagħha għad-DO talbet għal-Seduta ta' Smigħ li sussegwentement kienet iffissata għal 3, 4 u 5 ta' Ġunju 2009. Madanakollu, aktar tard irrifjutat li tinstema' f'dawn id-dati u fil-15 ta' Mejju 2009 applikat biex tipposponi s-Seduta tas-Smigħ, allegatament sabiex tippermetti lill-uffiċjali ta' kariga għolja fil-Kummissjoni biex ikunu preżenti u anke sabiex tagħti aktar żmien lil Microsoft biex tirrevedi u tweġeb għal kummenti bil-miktub li jistgħu jiġu sottomessi mill-ilmentatur u l-partijiet terzi.

Minħabba l-assikurazzjonijiet li kienet tat lil Microsoft fir-rigward tal-preżenza tal-uffiċjali ta' kariga għolja fil-Kummissjoni fis-Seduta Orali, kif ukoll għall-iżvelar tempestiv tal-kummenti tal-partijiet terzi, jien irrifjutajt it-talba ta' Microsoft għall-posponiment għat-18 ta' Mejju 2009. Fl-istess ittra, Microsoft kienet mistiedna biex tikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha u biex tikkonferma t-talba tagħha fis-Seduta Orali. Din wieġbet fid-19 ta' Mejju 2009 li ma kinitx tista' taċċetta d-dati proposti. Għaldaqstant, jien ikkunsidrajt li tintehha t-talba għal Seduta Orali.

Ġew ippreżentati fatti addizzjonali miġbura mill-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-DO fl-ittra tal-Fatti mibgħuta fl-24 ta' Lulju 2009. Fl-istess jum, ngħata aċċess ġdid għall-fajl.

F'Ottubru 2009, Microsoft issottomettiet impenji lill-Kummissjoni, filwaqt li komplet issostni li ma taqbilx mal-konklużjonijiet preliminari kif stipulati fid-DO.

L-impenji prinċipali kienu dawn:

- Microsoft tagħmel disponibbli mekkaniżmu fil-Windows fiż-ŻEE li jkun jippermetti lill-manifatturi tal-PC u l-utenti li jitfu u jixgħlu l-Internet Explorer.

⁽¹⁾ Skont l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' referenza ta' uffiċjali tas-smigħ f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni – ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21.

⁽²⁾ Minn hawn 'il quddiem, l-Artikoli u l-kapitoli kollha msemmija huma daww tar-Regolament (KE) Nru 1/2003.

⁽³⁾ Dwar ir-rekwiżit għal assoċjazzjoni li turi li hi jew il-membri tagħha għandhom interess biżżejjed f'każ qabel ma' din tkun aċċettata biex tagħmel intervent, ara l-Ordni riċenti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Frar 2009 fil-Kawża C-550/07 P, *Akzo Nobel Chemicals Ltd and Akros Chemicals Ltd*.

- Il-manifatturi tal-PC ikunu ħielsa li jinstallaw minn qabel kwalunkwe web browser(s) tal-għażla tagħhom fuq il-PCs li jesportaw u jissettjawh bħala l-web browser awtomatiku..
- Microsoft għandha tiddistribwixxi *choice screen* għal aġġornament ta' *software* lill-utenti ta' Windows PCs fiż-ŻEE permezz ta' Windows Update. Iċ-*choice screen* għandha tagħti lill-utenti l-opportunità li jagħżlu jekk u liema web browser(s) kompetituri jistgħu jinstallaw.

L-impenji sħaħ ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-9 ta' Ottubru 2009 skont l-Artikolu 27(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾ u partijiet terzi interessati ġew mistiedna biex jagħtu l-kummenti tagħhom f'dawn l-impenji fi żmien xahar wara l-pubblikazzjoni.

Wara li kienet informata bl-osservazzjonijiet, Microsoft emendat l-impenji tagħha.

Il-Kummissjoni issa waslet għall-konklużjoni li, fid-dawl tal-impenji emendati, m'għadx hemm lok għal azzjonijiet min-naħa tagħha u li, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2), il-proċedimenti għandhom jiġu mitmuma.

Fid-30 ta' Novembru 2009, Microsoft iddikjarat lill-Kummissjoni li kienet irċeviet aċċess suffiċjenti għall-informazzjoni fil-fajl tal-Kummissjoni li kienet tikkunsidra li hu meħtieġ biex tipproponi impenji sabiex tissodisfa t-tassib espress mill-Kummissjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu, inqis li d-dritt li wieħed jinstema' ġie rrispettat f'dan il-każ.

Brussell, il-11 ta' Diċembru 2009

Michael ALBERS

⁽¹⁾ ĠU C 242, 9.10.2009, p. 20.

Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni**tas-16 ta' Diċembru 2009****Li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE****(Każ COMP/39.530 – Microsoft (tying))***(notifikata bid-dokument numru C(2009) 10033)***(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)****(2010/C 36/06)**

Fis-16 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 102 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ⁽¹⁾, il-Kummissjoni se tippubblika hawn taħt l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut ewlieni tad-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni hi disponibbli fis-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni fl-indirizz li ġej:

<http://ec.europa.eu/competition/antitrust/cases/>

(1) Il-każ jirrigwarda lil Microsoft Corporation (minn hawn 'il quddiem "Microsoft") u r-rabta tagħha potenzjalment illegali tal-web browser tagħha, Internet Explorer mas-sistema operattiva tal-PC tal-klijent dominanti, "Windows".

1. Tħassib preliminari dwar il-kompetizzjoni

(2) F'Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tal-14 ta' Jannar 2009 il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-kriterju għall-irbit illegali f'dan il-każ ġew issodisfati ⁽²⁾:

i) Microsoft ma kkontestatx li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq tas-sistema operattiva tal-PC tal-klijent bis-sistema operattiva tagħha Windows.

ii) Il-Kummissjoni kkunsidrat proviżorjament li Internet Explorer u Windows kienu prodotti separati.

iii) Il-Kummissjoni għandha l-fehma preliminari li, qabel kien inniedi Windows 7, il-manifatturi tal-kompjuters u l-utenti ma setgħux jakkwistaw Windows b'mod tekniku u legali mingħajr Internet Explorer. Ma kienx teknikament possibbli la għal Manifatturi tat-Tagħmir Oriġinali ("MTOs") u lanqas għall-utenti li jisseparaw Internet Explorer minn Windows, u l-ftehimiet ta' liċenzjar żammew lill-MTOs milli jbigħu Windows mingħajr Internet Explorer.

iv) Il-Kummissjoni b'mod proviżorju kkunsidrat ukoll li r-rabta setgħet teskludi l-kompetizzjoni fuq il-merti bejn il-web browsers.

(3) Il-Kummissjoni kellha fehma preliminari li Internet Explorer kienet tgawdi minn vantaġġ ta' distribuzzjoni li l-web browsers l-oħra ma setgħux jikkompetu miegħu u li kien hemm ostakli għad-downloading ta' web browsers mill-internet. Il-Kummissjoni b'mod preliminari kkunsidrat ukoll li, minbarra r-rinforz tal-pożizzjoni ta' Microsoft fis-suq għas-sistemi operattivi tal-PC tal-klijenti, ir-rabta ta' Internet Explorer ma' Windows ħolqot inċentivi artifiċjali għall-*web developers* u għad-diżinjaturi tas-sofwer biex jottimizzaw il-prodotti tagħhom primarjament għal Internet Explorer.

2. Deċiżjoni ta' impenn

(4) Microsoft ipproponiet impenji biex jindirizzaw it-tħassib preliminari tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni.

(5) Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 2009 skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 il-Kummissjoni għamlet dawn l-impenji vinkolanti fuq Microsoft. L-impenji prinċipali jistgħu jiġu mqassra kif ġej:

(6) L-ewwel, Microsoft qablet li tagħmel disponibbli mekkaniżmu fil-Windows fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE") li jkun jippermetti lill-MTOs u l-utenti li jkunu jistgħu jiftu u jixgħlu l-Internet Explorer.

(7) It-tieni, skont l-impenji proposti minn Microsoft, l-MTOs ser ikunu ħielsa li jinstallaw minn qabel kwalunkwe web browser(s) tal-għażla tagħhom fuq il-PCs li jesportaw u jissettjawh bħala l-web browser awtomatiku. Microsoft ma għandhiex tiskarta l-impenji bi kwalunkwe mezz u ma għandhiex tirritalja kontra MTOs li jinstallaw web browsers li jikkompetu mal-web browser tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

⁽²⁾ Il-Kawża T-201/04 *Microsoft v il-Kummissjoni* [2007] ECR II-3601, fparagrafi 842, 869 u 1058. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Linji Gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 82 tat-Trattat KE għal imġiba esklużjonarja abbużiva minn impriżi dominanti", ĠU C 45, 24.2.2009, fparagrafu 50.

-
- (8) Microsoft offriet li tiddistribwixxi *choice screen* għal aġġornament ta' *software* lill-utenti ta' Windows PCs fiż-ŻEE permezz ta' Windows Update. L-utenti ta' Windows XP, Vista u 7 li għandhom Internet Explorer bħala l-web browser awtomatiku (irrelevanti kif seħħ dan) u li abbonaw ma' Windows Update ikunu 'ppreżentati b'dan iċ-*choice screen*, li joffrilhom għażla ta' web browsers, u li jippreżent-
- talhom ħoloq li fihom ikunu jistgħu jiksbu aktar informazzjoni dwar il-web browsers ippreżentati fuq l-iskrin.
- (9) Id-deċiżjoni ssib li, fid-dawl tal-impenji li bihom qed torbot lil Microsoft, m'għadx fadal aktar raġunijiet għal azzjoni mill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni għandha torbot lil Microsoft għall-perjodu totali ta' ħames snin mid-data tal-adozzjoni.
-

V

(Opinjoni)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5669 – Cisco/Tandberg)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/C 36/07)

1. Fit-8 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Cisco Systems Inc., ("Cisco Systems", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Tandberg ASA ("Tandberg", in-Norveġja u l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' xiri ta' offerta pubblika mħabbra fl-1 ta' Ottubru 2009.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - Cisco Systems: hi attiva madwar id-dinja fl-iżvilupp u l-bejgħ ta' prodotti ta' netwerking għall-Internet. Cisco tfassal, timmanifattura u tbiegħ netwerking ibbażat fuq Internet Protocol (IP) u prodotti relatati mal-industrija tal-komunikazzjonijiet u tat-teknoloġija tal-informazzjoni. L-offerti tagħha jinkludu soluzzjonijiet għal komunikazzjonijiet bil-vidjo ta' kwalità għolja ta' tip "immersive",
 - Tandberg: toffri firxa vasta ta' soluzzjonijiet għal komunikazzjonijiet bil-vidjo inklużi sistemi "immersive" għal kmamar apposta, sistemi għal kmamar tal-konferenzi għal finijiet differenti, u sistemi ta' konferenza vidjo personali.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5669 – Cisco/Tandberg, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5717 – The Stanley Works/The Black & Decker Corporation)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 36/08)

1. Fil-5 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Stanley Works ("Stanley") takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Black & Decker Corporation ("Black & Decker").

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

— għal Stanley: manifattur globali primarjament ta' għodda tal-idejn u soluzzjonijiet maħduma għal użu industrijali, ta' kostruzzjoni, do-it-yourself (DIY), u soluzzjonijiet ta' sigurtà għal applikazzjonijiet kummerċjali,

— għal Black & Decker: manifattur globali li jforni għodda u aċċessorji tal-elettriku, hardware u prodotti għad-dar u għal ġnien, u sistemi bbażati fuq rbit u mmontar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5717 – The Stanley Works/The Black & Decker Corporation, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

ATTI OĦRAJN

KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

(2010/C 36/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni.

SOMMARJU

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**“ESTEPA”****Nru KE: ES-PDO-005-0341-16.04.2004****DPO (X) IĠP ()**

Dan is-sommarju jippreżenta l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal finijiet informativi biss.

1. Dipartiment responsabbli fl-Istat membru:

Isem: Subdirección General de Calidad Agroalimentaria y Agricultura Ecológica. Dirección General de Industrias y Mercados Alimentarios. Secretaría General de Medio Rural. Ministerio de Medio Ambiente y Medio Rural y Marino

Indirizz: Paseo Infanta Isabel, 1
28071 Madrid
ESPAÑA

Tel. +34 913475394
Feks +34 913475710
Posta elettronika: —

2. Grupp:

Isem: Oleoestepa, Sociedad Cooperativa Andaluza. Puricon, Sociedad Cooperativa Andaluza y Sierra del Aguila, Sociedad Limitada

Indirizz: Calle Estepa, 12
41564 Lora de Estepa (Sevilla)
ESPAÑA

Tel. +34 954829098
Feks +34 954829069
Posta elettronika: —
Kompożizzjoni: —

3. Tip ta' prodott:

Żejt taż-żebbuġa extra verġni. – Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.).

4. Speċifikazzjoni tal-prodott:

(sommarju tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. Isem il-prodott:

“Estepa”

4.2. Deskrizzjoni:

Tliet tipi ta' żejt taż-żebbuġa extra verġni, miksub minn żebbuġ (Olea Europea, L) tal-varjetajiet li ġejjin:

— Hojiblanca, Arbequina, Manzanilla, Picual u Lechín de Sevilla

— Hojiblanca u Arbequina

— Hojiblanca

Iż-żjut koperti bid-Denominazzjoni tal-Orìġini jeħtieġu li jkunu extra verġni u li wara l-maturazzjoni f'kantini, ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-medja ta' kontenut ta' frott: Ta' 4,5 jew iktar

Aċidità: Sa massimu ta' 0,3.

Kontenut ta' perossidu: Massimu ta' 15

Assorbiment tar-raġġi ultravjola (K270): Massimu ta' 0,18 milli-ekwivalenti ta' ossiġnu attiv għal kull kilogramm ta' żejt.

Antiossidanti naturali

Polifenoli ((% aċidu cafeico): massimu: 611 ppm (mg/kg)

minimu: 405 ppm (mg/kg)

Imrar (K225): $\leq 0,3$ nm

Stabbiltà ossidattiva (RANCIMAT): espressa f'siġhat (f'100 °C u fluss ta' arja ta' 10 l/h)

massimu: 92,5

minimu: 43,6

Konċentrazzjoni ta' klorofili u karoteni (mg/kg = ppm)

	Klorofili	Karoteni
massimu:	23,25	10,94
minimu:	7,17	6,42

Proporzjon tal-perċentwali Aċidu olejku/Aċidu linolejku massimu: 13,82 minimu: 4,54

Proporzjon ta' Aċidi grassi Monounsaturated/Aċidi grassi polyunsaturated massimu: 12,51 minimu: 4,47

Tocopherols (mg/kg = ppm):	Totali ta' Tocopherols	Alfa	Beta	Gamma	Delta
massimu:	295,7	286,1	3,0	10,3	0
minimu:	261,1	254,1	1,1	1,0	0

Min-naħa l-oħra, il-kulur taż-żejt jista' jvarja bejn 2/3 – 3/3 – 2/4 – 3/4 – 2/5 – 3/5 fuq l-iskala tal-BTB (Bromothymol blue).

Bħala riżultat tal-qtuġh bikri, fil-profil ta' dawn iż-żjut wieħed japprezza kontenut ta' frott li ġeneralment ikun f'livell ta' bejn żebbuġa ħadra u waħda matura, u fejn jispikka l-element aħdar tipiku tal-qtuġh bikri.

Iż-żjut koperti jkollhom karatteristiċi differenti skont il-varjetajiet;

— Hojiblanca, Arbequina, Manzanilla, Picual u Lechín de Sevilla

Il-perċentwal ta' rappreżentanza ta' dawn il-varjetajiet fiż-żejt huwa ta' mill-inqas 50 % ta' żejt taż-żebbuġa extra verġni tal-varjetà Hojiblanca, bejn 20 % u 30 % tal-varjetà Arbequina u sa 5 % ta' taħlita tal-bqija tal-varjetajiet (Manzanilla, Picual u Lechin de Sevilla).

Dan jippreżenta kontenut ta' żebbuġ b'intensità medja li huwa iktar aħdar milli matur. L-imrar u t-togħma pikkanti huma karatteristiċi taż-żjut miksuba fil-bidu tal-istaġun.

Xema': Bejn 80 u 150 ppm

— Hojiblanca u Arbequina

Il-perċentwal ta' rappreżentanza ta' dawn il-varjetajiet fiż-żejt ikun bejn 40 % u 60 % ta' żejt taż-żebbuġa extra verġni tal-varjetà Hojiblanca, u bejn 40 % u 60 % tal-varjetà Arbequina.

Dan jippreżenta aromi u toġhma ta' frott frisk u/jew matur, kontenut taż-żebbuġ aħdar u bi ħjiel ta' maturazzjoni medja. L-imrar u t-togħma pikkanti huma karatteristiċi taż-żjut miksuba fil-bidu tal-istaġun.

Xema': Bejn 50 u 80 ppm

— Hojiblanca

Il-perċentwal ta' rappreżentanza ta' dawn il-varjetajiet fiż-żejt ikun ta' 100 % ta' żejt taż-żebbuġa tal-varjetà Hojiblanca.

Dan jippreżenta aromi u toġhma ta' frott frisk u/jew matur, kontenut taż-żebbuġ aħdar u b'riħa u toġhma ta' ħaxix frisk. L-imrar u t-togħma pikkanti huma karatteristiċi taż-żjut miksuba fil-bidu tal-istaġun.

Xema': Bejn 40 u 70 ppm

4.3. Żona ġeografika:

Tinkludi ħdax-il muniċipalità tal-provinċja ta' Sevilla: Aguadulce, Badolatosa, Casariche, Estepa, Gilena, Herrera, Lora de Estepa, Marinaleda, Pedrera, La Roda de Andalucía u El Rubio, u muniċipalità waħda fil-provinċja ta' Córdoba: Puente Genil speċifikament fiż-żona magħrufa bħala Miragenil.

4.4. Prova tal-orijini:

Iż-żebbuġ għandu jiġi minn imsaġar taż-żebbuġ li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni u mill-varjetajiet awtorizzati.

Iż-żejt jinkiseb minn mġhasar u stabbilimenti tal-ippakkjar irreġistrati u li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni, f'kundizzjonijiet li jiggwarantixxu l-aħjar preżervazzjoni taż-żejt.

Il-provenjenza taż-żejt taż-żebbuġ extra verġni miksub u mbagħad maħżun tista' tintwera permezz tar-reġistru tal-produzzjoni, li jinkludi ukoll id-data, il-ħin u elementi użati fil-proċess tal-produzzjoni.

Jitwettqu analiżi fiżiko-kimiċi u organolettiċi tal-prodott sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tiegħu. L-analiżi fiżiko-kimiċi għandu jkollhom bħala parametri dawk id-dettalji msemmijin fid-deskrizzjoni tal-prodott.

Iż-żejt ta-żebbuġa extra verġni li jgħaddi mill-kontrolli kollha ta' matul il-proċess biss għandu jiġi ppakkjat u mqiegħed fis-suq bil-garanzija tal-orijini, bil-garanzija mogħtija bit-tikketta ta' wara bin-numru tal-Bord Regulatorju.

4.5. Metodu ta' produzzjoni:

Fil-biċċa l-kbira tiegħu, it-tħawwil tradizzjonali jsir f'fillieri djagonali, 12 × 12. L-imsaġar il-ġodda b'densitajiet ikbar, għandhom oqfsa ħafna iżgħar. Ix-xogħol ta' fertilizzazzjoni għandu jsir fix-xitwa, wara li jinqata' ż-żebbuġ. Minħabba l-intensifikazzjoni tat-tħawwil, it-tisqija żdiedet b'mod sinifikattiv. L-impjanti tat-tisqija huma kważi kollha kemm huma sistemi lokalizzati. Il-forma tas-siġra taż-żebbuġ għandha tiġi ddeterminata mit-tipi ta' żabra li jsirulha, billi jinqatgħu biċċiet kbar ta' njam miz-zokk, magħrufa bħala "poda de cabeza" (żabra tar-ras) u "poda racional" (żabra razzjonali). Il-prodotti fitosanitari awtorizzati għandhom jirrispettaw il-fawna utli u ma jħallux fdalijiet ta' frott taż-żebbuġ.

Il-qtuġħ bikri għandu jsir b'attenzjoni direttament mis-siġra billi jintużaw il-metodi tradizzjonali, jiġi-fieri billi jitheżżu z-zokk u l-friegħi u jinġabar iż-żebbuġ minn magħhom bl-idejn. It-trasport tal-frott għandu jsir dejjem fi kwantitajiet kbar, permezz ta' trejlers f'kontenituri riġidi. L-għasir isir fi mgħasar irreġistrati u fi żmien 24 siegħa minn meta jsir il-qtuġħ. Il-fażijiet tal-proċess ta' preparazzjoni huma: Tindif u ħasil taż-żebbuġ. L-għasir. It-tħaddim tal-pasta. Is-separazzjoni tal-fażijiet. It-tferrigħ minn kontenitur għal ieħor (dekantazzjoni). Il-ħżin sakemm jasal il-waqt tal-ippakkjar. Trasport fi kwantitajiet kbar u l-ippakkjar.

4.6. Rabta:

Il-kwantità kbira ta' siġar taż-żebbuġ fuq dan it-tip ta' art hija dovuta għal azzjonijiet li jinħolqu f'dan it-tip ta' ħamrija bil-ġir, li jwaqqaf milli jiżdied il-kontenut ta' ħadid fis-siġar, u jżomm l-ilma aħjar, li għalhekk jippermetti umdità ogħla fi żmien in-nixfa għas-siġar li jinsabu f'din iż-żona. Dan jirriżulta f'siġar taż-żebbuġ differenti, b'karatteristiċi partikolari li minnu ovvjament jiġi prodott żejt b'karatteristiċi partikolari.

Finalment, permezz ta' studji li saru f'dan ir-rigward, ġie pprovat li dan it-tip ta' ħamrija jippermetti konċentrazzjoni ogħla ta' antiossidanti speċjali mill-aspett nutrizzjonali li huma t-tocopheroles, speċjalment l- α -tocopherol li għandu l-ogħla proporzjon fil-kontenut (> 95 %).

Fattur intrinsiku u karatteristiku ieħor taż-żjut tagħna huwa l-klimatoloġija lokali, li hija nieqsa mill-ilma fir-reġjun ta' Estepa. Dan in-nuqqas ta' ilma jaffettwa l-imrar (K225) taż-żejt prodott miż-żebbuġ ta' dan ir-reġjun, għaliex dan itiegħem iktar minn dak fi żjut prodotti f'żoni oħra.

In-nuqqas ta' nżul ta' xita jżid ukoll il-livell ta' antiossidanti naturali.

Il-fatt li fir-reġjun ta' Estepa teżisti preżenza qawwija ta' żebbuġ maħsub għall-użu fuq il-mejda, madwar 30 % tal-produzzjoni totali, jikkawża l-qtuġħ bikri tal-bqija taż-żebbuġ, bir-riżultat li ż-żjut jiksbu kwalitajiet differenti kemm mill-aspett kimiku kif ukoll dak organolettiku.

Fir-reġjun ta' Estepa, dan il-qtuġħ bikri jbidel il-karatteristiċi taż-żjut tagħna għaliex:

- Huma iktar rikki fil-komponenti fenoliċi.
- Huma iktar morri fil-kwalitajiet organolettiċi, u din hija karatteristika taż-żjut prodotti fil-bidu tal-istaġun.
- Għandhom stabbiltà ossidativa ogħla.
- Għandhom konċentrazzjoni ta' pigmenti li hija ogħla fiż-żejt taż-żebbuġ, speċifikament fil-klorofili u l-karoteni.

Hemm tibdil fil-kompożizzjoni li normalment jikkonsisti f'żieda tal-aċidu linolejku filwaqt li l-kontenut tal-aċidu olejku normalment jibqa' l-istess, u minħabba f'hekk jonqos il-proporzjon ta' grassi monosaturated/polisaturated.

B'hekk il-varjazzjoni tal-kontenut ta' polifenoli u l-istabbiltà huma marbutin maż-żmien tal-qtugħ.

4.7. Organu ta' spezzjoni:

Isem: Consejo Regulador de la Denominación de Origen «Estepa»
Indirizz: Polígono Industrial Sierra Sur: Edificio Centro de Empresas s/n
41560 Estepa (Sevilla)
ESPAÑA
Tel. +34 955912630
Feks +34 955912630
Posta elettronika: —

L-organu ta' spezzjoni jikkonforma mal-istandard EN-45011.

4.8. Tikkettar:


Fuq it-tikketti u t-tikketti ta' wara għandha tidher b'obbligu l-kitba: Denominazzjoni tal-Oriġini «Estepa».

It-tikketti kummerċjali ta' kull ditta kummerċjali rreġistrata għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-Bord Regulatorju.

Kwalunkwe tip ta' ppakkjar li fih jitqiegħed iż-żejt għall-konsum jeħtieġ li jkollu siġill ta' garanzija, tikketta jew tikketta fuq in-naħa ta' wara nnumerata u maħruġa mill-Consejo Regulador, li tindika l-Manwal tal-Kwalità u Proċeduri, u li għandha titwaħħal fil-maħżen, fil-magħsar jew fl-impjant tal-ippakkjar irreġistrat rispettiv u dejjem b'mod li ma tkunx jista' terġa' tintuża.

EU Book shop

Il-pubblikazzjonijiet kollha
tal-UE li INT qed tfittex!



bookshop.europa.eu

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

